# MINUTI

**Laqgħatal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

**L-Erbgħa 14 ta' Ġunju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis- 1.45 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Kasy Mercieca – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 67

67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 66 – 8;

67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

67.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

67.5 Il-Ħatra ta' Deputat Segretarju;

67.6 M 4.3 – *Improving farm access roads in Ta' Sannat*;

67.7 Permessi – Festa Santa Margerita;

67.8 L-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar – To restore the Mġarr ix-Xini Pumping Station;

67.8 Ilmenti u Suġġerimenti;

67.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 6/2017;

67.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

67.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjorina Kasy Mercieca (l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-żgħażagħ) nfurmatu permezz ta' imejl li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti preċidenti Nru 66 – 8

67.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 66 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

67.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-ħruq tan-nar tal-festa ta' San Pawl Nawfragu mill-konfini Ta' Sannat, il-Parroċċa tal-Munxar għamlet dak kollu rikjest mill-Kunsill biex setgħa jinħaraq in-nar mill-konfini Ta' Sannat. Il-Kunsillier Bajada qal li hu mportanti ħafna li l-Kunsill ma jerfax ir-responsabilta' tat-tindif u għandu jitlob feedback permezz ta' rapport mingħand il-Kappilan li talab għal dan il-permess u b'hekk il-Kunsill jara jekk itteħditx azzjoni f'dan ir-rigward biex il-Kunsill ikun jista jirrilaxxa l-garanzija bankarja. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill u ġie deċiż li l-garanzija rikjesta għanda tiġi rilaxxata lill-Parroċċa tal-Munxar aktar il-quddiem meta l-Kunsill jirċievi bil-miktub li dan ix-xogħol sar.

67.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat li l-W.S.C. ser tkompli bix-xogħolijiet ta' bdil ta' mains ġodda fi Triq il-Kalati, dan wara diversi ilmenti mir-residenti ta' Triq Palazzo Palina u Triq il-Kalati għaliex għandhom nuqqas kbir ta' pressa tal-ilma. Hu qal li dwar dan saret laqgħa apposta fuq il-post fejn attendew is-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Kunsill flimkien mall-Inġinier Camilleri u l-Inġinier Bundic mill-Korporazzjoni tal-Ilma u l-Kuntrattur li se jgħamel dan ix-xogħol. Peress li W.S.C. għandhom il-letter of acceptance fuq din it-triq li kienet tgħamel parti mix-xogħolijiet li saru mill-MGOZ fi Triq Ta' Ċenċ, il-Kunsill iddiskuta dan u wara qabel li peress li din it-triq hija waħda pjuttost żgħira għandu jara jekk hux possibli li d-differenza tat-trinka f'din it-triq tingħata mill-Kunsill bl-istess kuntrattur b'permezz ta' ftehim mall-MGOZ u b'governanza tajba biex b'hekk il-Kunsill ikollu din it-triq/sqaq b'patterned monolitich conrete system jekk hu possibli minn fondi tal-Urban Improvment Funds. Għalhekk għanda tintbgħat ittra lill-UIF Section fi ħdan il-Planning Authority u lid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex ninfurmawhom b'dan.

67.3.3 Is-Sindku qal li Triq Gerxija tinsab fil-proċess li jibdew ix-xogħolijiet fiha biex jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak mill-Ministeru għal Għawdex. Dan wara li l-Kunsill kien intervjena dwar l-istat ħażin tat-triq meta kumpanija privata kienet għaddiet cable ġdid minn din it-triq u l-madwar.

67.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li hu reġa ġie avviċinat mill-Kuntrattur li għad għandu l-pendenzi fuq il-kontijiet minn Miżura 313 (1st call) u minn Miżura 323, hu qal li reġa kiteb lill-Uffiċjal responsabbli f'ARPA. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċevejna lura u qalulna li dan għadu għaddej mill-proċess biex isir il-ħlas dovut. Is-Sindku saħaq li għandna nerġgħu niktbu bl-Avukat dwar dan.

## 67.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

67.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-avviż għal ħatra ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għaż-żagħżagħ ġdid tqassam matul dan il-weekend mall-Bullettin tal-Parroċċa. L-applikazzjonijiet jgħalqu nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017.

67.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kien reġa rċieva mingħand il-Gozo Action Group Foundation għall-ħlas tas-sħubija għas-sena 2017, l-ammont ta' €500 u hu kien qal li l-Kunsill irid jitlob il-permess mingħand id-DLG skond Ċirkulari Nru. 19/2016 dwar din is-Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs) kif diskuss fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kiteb lid-Dipartiment u dan approva dan il-ħlas. Il-Kunsill b'hekk qabel li għandu jissieħeb fil-Gozo Action Group Foundation u jħallas din is-sħubija.

67.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sindku u hu ġew mitluba miċ-Ċentru ta' matul il-Jum għal anzjani f'Għajnsielem biex bħas-snin l-imgħoddija jiġi mġedded il-ftehim l-ġdid għas-sena 2017 – 2018. Il-Kunsill ma qabilx li dan il-kuntratt jiġi ffirmat dan għaliex il-lokalita' mhux qed ikun ffrekwentat biżżejed mill-anzjani u jrid jara eżatt x'qed joffri f'dan il-ftehim.

67.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva imejl mingħand Catherine Vassallo għal permess biex issir ikla fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini fuq il-wiċċ tal-konkos fil-parti t'isfel faċċata tal-baħar, għal madwar 65 persuna 'l fuq minn 55 sena fejn ser isir fund raising għal tħaffir arkeoloġiku f'Għawdex, nhar is-Sibt 8 ta' Lulju 2017, mis-7.00 p.m. 'l quddiem. Il-Kunsill ser jitlob lil Ms Vassallo biex l-ewwel titlob permess mill-Awtorita tal-Ippjanar qabel il-Kunsill joħroġ il-permess għal din l-attivita'.

67.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li LESA qasmet pagament lir-Reġjun Għawdex bi qbil mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li minnu l-Kunsill Lokali Ta' Sannat irċieva s-somma ta' €2269.65ċ.

67.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Isports Board Għawdex bgħatu jinfurmawna jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni biex il-Ħadd tal-festa ta' Santa Margerita nhar it-23 ta' Lulju 2017 isir t-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

67.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rigward it-toqob għall-arbli tal-festa ntalbet kwotazzjoni għal kull toqba li ser issir bid-drill bil-JCB, qal ukoll li kull toqba ser tiġi tiswa €41.30ċ. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill ddeċida li dawn il-ħofor jingħalqu b'festa pole covers apposta li għad fadallu l-Kunsill.

67.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita kitbet fejn infurmat lill-Kunsill li ser torganizza programm mużikali fil-ġimgħa tal-festa u qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jiġu provduti siġġijiet, dwal u sound system għal dan il-programm. Dwar dan il-Kunsill qal li ġie deċiż li din is-sena l-Kunsill ma jistax jikkolabora f'din l-attivita' u f'attivitajiet oħra simili.

67.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 14/2017 | Ittra ta' Riżenja minn ħatra ta' Kunsillier |

Nru. 15/2017 L-Elezzjoni Ġenerali fit-3 ta' Ġunju 2017

Nru. 16/2017 L-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja (l-*FSI*)

## 67.5 Il-Ħatra ta' Deputat Segretarju

67.5.1 Wara li l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti kien innomina lis-Sinjura Sarah Formosa bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv mill-lista tal-pool u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kiteb u nforma lis-Sinjura Formosa u hi aċċettat din il-kariga. Hu qal li nforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'dan.

## 67.6 M 4.3 – Imporving farm access roads in Ta' Sannat

67.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit lesta l-istimi (BOQ) u rapport dettaljat biex il-Kunsill ikun jista japplika minn Miżura 4.3, 90% minn fondi ewropej u 10% minn fondi tal-Kunsill biex isiru tlett toroq li jwasslu għall-egħlieqi. Dwar l-10% il-Kunsill ser japplika għal ko-finanzjament. Il-Kunsill ser japplika għal Triq Bardan b'wiċċ ġdid bit-tarmak, li din issa ġiet stmata €62355.19, l-isqaq fi Triq ta' Xamgħan minn fejn il-kamra tad-dawl għal Pjazza Santa Margerita b'wiċċ porfido, li din ġiet issa stmata €24177.85 u l-isqaq fi Triq ta' Dun Nastas b'wiċċ tal-konkos monolithic concrete patterned li ġiet stmata €32261.39. Il-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu l-bieraħ fl-Uffiċċju tad-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi f' Santa Venera, Malta.

## 67.7 Permessi - Festa Santa Margerita

67.7.1 Il-Kunsill qabel li għal din is-sena l-permessi tal-kiosks jiġu armati fuq l-istess binari tas-sena l-oħra. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din is-sena għal dawk l-istabilimenti li ser jarmaw bar fuq barra ser ikollhom jħallsu extra €50 għaż-żamma tal-indafa u għal dawk li ma għandhom il-faċilita sanitarja €30 biex ikopru l-ispejjeż tal-mowbajl toilets. Il-Kunsill qabel li jikri 4 mowbajl toilets, tnejn għal użu tal-irġiel u tnejn għal użu tan-nisa u li dawn ser jitpoġġew par fil-Pjazza Santa Margerita wara l-armar tal-palk u par ieħor fil-isqaq ta' Xamgħan.

## 67.8 L-applikazzjoni mall-Awtorita tal-Ippjanar – To restore the Mġarr ix-Xini Pumping Station

67.8.1 Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill qed jgħamel minn kollox biex din il-pompa ta' Mġarr ix-Xini tiġi devoluta lill-Kunsill peress li din tinsab fi stat ta' abbandun u li l-Kunsill ilu dawn is-snin twal jaħdem biex dan il-wirt storiku jiġi salvat u għalkemm sa issa għadu ma sabx l-għajnuna neċessarja għal fondi għal dan ir-restawr estensiv. Il-Kunsill għandu jara u jieħu l-parir mill-Perit kemm huwa l-ħlas tal-permess mall-Awtorita tal-Ippjanar.

## 67.9 Ilmenti u Suġġerimenti

67.9.1 Margaret Sciberras ta' Triq il-Kbira talbet lill-Kunsill li wara li saret il-bankina ta quddiem id-dar tagħha dan l-aħħar biex isiru xi tip ta' reflectors jew żebgħa biex turi li hemm għatba peress li hi ta' periklu għal min jimxi minn fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa ntbghatu l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill biex jaraw x'hemm eżatt u li l-għatba inżebgħet b'żebgħa bajda apposta.

67.9.2 Anna Borg ta' Triq Paranji qed titlob lill-Kunsill biex issir il-bankina quddiem id-dar tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-bankina ġiet ordnata bis-sistema tal-Customer Care fi ħdan il-MGOZ peress li din hi bankina ġdida.

67.9.3 Anthony Curmi ta' Triq Dun Luqa qed jissuġġerixxi li fi Triq tal-Gruwa fil-kantuniera fin-niżla fejn hemm siġra tat-tin teħel tabella Accidental Spot. Il-Kunsill qabel li għandha teħel din it-tabella.

67.9.4 Stephanie Mizzi qed titlob biex issir bankina quddiem il-bini ġdid tagħha fi Triq Paranji. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi ordnata bis-sistema tal-Customer Care.

67.9.5 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni dwar il-manutensjoni tal-mantunċina tal-lava fi Pjazzetta tax-Xelina sabiex ma jiġrix aktar ħsara. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li dan ix-xogħol kellu jsir, u lill-Kuntrattur infurmawh kemm il-darba. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu niġbdulhu l-attenzjoni biex dan ix-xogħol isir kemm jista jkun malajr.

67.9.6 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet lill-Kunsill li s-Sezzjoni tal-Kultura fi ħdan il-MGOZ ser torganizza serata bl-isem "A Spectacular Eveneing of Rock Music" nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju 2017, fit-Triq it-28 ta' April 1688, mit-8.30 ta' filgħaxija 'l quddiem.

## 67.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

67.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 67.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

65.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.30 p.m.u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 11 ta' Lulju 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |